# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## Nutar

servizz pubbliku

### Kif intom, tfal?
### Ġieli staqsewkom x'tixtiequ ssiru la tikbru?

Hawn min irid isir għalliem jew għalliema, tabib jew tabiba, jew nutar jew nutara. Tafu x'jagħmel in-nutar?

**In-nutar huwa dik il-persuna li tieħu ħsieb il-kuntratti.**

In-nutar irid joqgħod b'seba' għajnejn li jikteb dawn id-dettalji kollha fil-kuntratt, biex min jixtri u anke min ikun qed ibigħ ikollu moħħu mistrieħ li kollox sar sew.

**Tafu x'inhu kuntratt?**
Kuntratt huwa kitba li jikteb in-nutar meta xi żewġ persuni jiftiehmu li se jixtru xi dar jew xi affarijiet oħrajn.

Żmien twil ilu n-nutar kien ikollu jikteb kuntratt anke jekk in-nies jixtru jew ibigħu l-annimali tar-razzett, bħall-mogħoż, il-baqar u n-nagħaġ. Illum il-ġurnata kuntratt jinkiteb jekk persuna tkun se tixtri dar. Allura kull min ikun irid jixtri dar irid imur għand in-nutar biex jagħmel kuntratt.

Biex issiru nutara hemm bżonn li tistudjaw ħafna ħalli la tikbru tmorru l-Università u hemm tibdew issegwu kors apposta tal-liġi u ta' nutar. Wara li tiggradwaw bħala nutara tkunu tistgħu tibdew taħdmu hekk.

Meta jkun se jagħmel kuntratt ta' dar, nutar irid jagħmel ħafna riċerka, jiġifieri jrid ifittex f'ħafna u ħafna dokumenti. Dawn id-dokumenti jkunu saru qabel. Fihom ikun hemm miktub l-indirizz tad-dar, min ikun xtraha qabel, min ikun qed ibigħ id-dar kif ukoll min ikun se jixtriha. Ikun hemm miktub ukoll jekk dik id-dar ikun wiritha xi ħadd wara xi mewt, kemm tkun tiswa flus id-dar u kemm tkun se tinbiegħ.



*Żomm kuntatt magħna!*